MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2097/2002

***Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Libyan People's Bureau u l-istess Libyan People's Bureau***

***vs***

***Mark Formston***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' mija u tmintax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm118.50) rappresentanti risarciment ta' danni in kwantu Lm43.50 lis-socjeta' *Elmo Insurance Agency Limited* nomine, u in kwantu ghal Lm75 lil *Libyan People's Bureau*, sborsati minnhom b'konsegwenza ta' incident stradali li gara Valletta fis-6 ta' Novembru 2001, meta waqt li l-konvenut

kien qieghed isuq vettura Nru. AAP 707 habat mal-vettura Nru. CDB101, proprjeta' ta' *Libyan People's Bureau* li kienet ipparkjata, ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Lulju 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bil-proceduri odjerni a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mit-2 ta' Lulju 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar ghan-nom tas-socjeta' attrici nomine et., li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' Dokument ZM1 konsistenti f'kopja ta' l-isketch u tal-okkorrenza ta' l-incident mertu tal-kawza, u Dokument ZM2, konsistenti f'kopja tal-kont tat-tiswija tal-vettura Nru. CDB101.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' mija u tmintax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm118.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Lulju 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------